**Laqgħa Numru 33**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**26 ta' Jannar 2022**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fil-4.35pm ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3)):

Domenic Zerafa

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**33.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

33.1.1 Il-Kunsillier Domenic Zerafa kien informa lill-Kunsill li kien indispost peress li kien rikoverat l-isptar.

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

33.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 32 li saru nhar il-Ħamis 9 ta' Diċembru 2021 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti. Dawn kellhom jiġu ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju peress li l-laqgħa kienet qed isir b'mod virtwali.

**33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.**

33.3.1 Is-Sindku rreferrra għall-Playingfield tal-Ħamrija fejn informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mal-kuntratturi involuti u l-arborista. Kien mistenni li fil-bidu ta' Frar jinqalgħu s-siġar u jissokta x-xogħol.

33.3.2 B'referenza għall-Eco Park f'Tal-Barmil s-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien kunfidenti li dan il-proġett jibda għat-tmiem din is-sena. Dan wara kommunikazzjoni mibgħuta mill-Ministeru tal-Enerġija fejn anke ntbagħtetu Gantt Chart fejn il-proġett hu ppjanat li jitlesta sa nofs is-sena li ġeja bl-MOU imminenti li jiġi ffirmat.

33.3.3 Is-Sindku spjega li għal-Playingfield f'Ta' Ġokk ġew mogħtija €17,000 għat-tapiti wara l-applikajna biex jittranġa dan il-Playingfield. Il-Perit kellu jisottometti d-DNO fuq l-istess ġnien. Is-Sindku spjega li kienet reġgħet ħarġet l-istess skema u bħala Kunsill kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti li naraw biex naplikkaw fuq l-istess playingfield. Is-Sindku spjega ukoll li kien ikkomunika migħu s-Sur Saliba mir-Reġjun Għawdex fejn hemm possibilta' li toħroġ skema u anke jkompli jittranġa dan il-playingfield. Issemmiet is-sejħa għall-applikazzjonijiet taħt l-iskema tal-Urban Greening.

33.3.4 Is-Sindku spjega li l-Ġimgħa 28 ta' Jannar 2022 kienet ser isir ċerimonja fejn il-Kunsill se jkun qed jingħata l-fondi għall-applikazzjoni taħt il-fond tal-Lesa fejn il-Kunsill kien issotometta aplikazzjoni biex isir l-Intepration Centre u restawr ieħor f'Masġar Blankas.

33.3.5 B'referenza għall-introduzzjoni tal-Community Policeman is-Sindku spjega li l-Kuntistabbli Jonathon Buttigieg se jkun qed jaqdi dmiru fostna u għandu ukoll taħt ir-responsabilta' tiegħu r-raħal tas-Sannat. Ma ġiex eskluż li fil-futur jiżdiedu n-numru tal-Comminity Policemen. Is-Sindku spjega kif ħa taħdem is-sistema fejn il-pulizija se jkun il-ħabib tar-residenti fejn hu stess qed imur fuq ir-residenti u anke jidħol fil-ħwienet. Dan ħa jkun fix-Xewkija darba kull erba' tijiem. Ser isir laqgħa ta' kull xahar fejn mas-Surġenti responsabli tal-Community Policing u jiġu diskussa punti li jolqtu lill-Kunsill fejn il-pulizija jistgħu jkunu t'għajnuna.

33.3.6 Is-Sindku semma l-munzelli li ntefgħu riċentament kemm f'Tal-Ħorob u anke fi Triq Kav Zammit Haber. Il-Kunsill idiskutta li wasal iż-żmien li jiġu nstallati cameras biex jinqatħu dawn l-abbużi. B'referenza għal Tal-Ħorob il-Viċi Sindku staqsa jekk naqsux il-vetturi minn hemmhekk jew le. Il-Viċi insista li għandha ssir aktar pressjoni biex il-pulizija tinvestiga ta' min huma dawn il-karozzi hekk kif hi biss skuża li karozza bla pjanċa ma

tistax isir taf ta' min hi. Il-Viċi kompla jinisisti li mhux aċċettabli li l-pulizija, TM u Lesa mhumiex qed jikkolborraw biex jinġabru dawn il-karozza mitluqa speċjalment f'Tal-Ħorob.

33.3.7 Is-Sindku spjega li min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex ser ikunu qed japplikkaw biex isiru l-ħitan tan-naħa t'isfel ta' Triq Tal-Ħorob u l-istess f'Tal-Loġġa taħt Miżura 4.3.

33.3.8 Is-Sindku rreferra għal-laqgħa li kellu mal-GRTA fejn il-Kunsilli ntalbu jiddentifikaw post fejn jistgħu jitħawlu siġar. Hemm ukoll involut ir-Reġjun t'Għawdex. Is-Sindku ddentifika l-bufferzone fi Triq Jean De La Valette fejn jidħol ukoll l-MIP peress li din l-area tappartjeni lilhom. Il-Viċi Sinkdu ssuġġerriexxa li jekk dan hu l-każ għandha tibqa' taħt ir-responsabilta' tal-MIP. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard spjegat li l-Kunsill għandu jmexxi fuq id-devoluzzjoni għall-parti ta' barra. Is-Segretarju li l-wieġbet li l-Perit ilu jaf b'din id-devoluzzjoni mill-bidu tas-sajf imma s'issa ma kien preparata xejn.

33.3.9 B'referenza għal ġnien bejn Xewkija u Għ'sielem li kien anke isemma fis-sajf li għada, is-Sindku spjega li s-Sindku t'Għajnsielem kien avviċinah biex isir proġett flimkien. Is-Segretarju sabet il-minuti fejn kien isemma li jsir recreational area u anke referenza fejn dan il-ġnien kien se jidħol għalih Infrasture Malta. Il-Kunsill idiskutta li fih jistgħu jsiru xi bankijiet u picnic tables. Il-Kunsill qabel mal-kunċett u kellna nitkellmu mal-Kunsill ta'Għ'sielem biex naraw x'għandhom f'moħħhom. Il-Kunsill qabel li jekk nidħlu għal dan il-proġett għandu jsir nofs bin-nofs u jsir MOU bejn iż-żewġ kunsilli. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard spjegat li dan il-post jista'anke jintuża bħala camping site.

33.3.10 Is-Sindku rreferra għat-talba mingħand l-organizzaturi tal-Half Marathon biex isir il-maratona li kienet saret fil-passat u li kienet ilha tiġi posposta minħabba l-pandemija. Is-Sur Micallef kien qed jipproponi li ssir fit-3 t'April 2022. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu waqt li qam il-punt li hemm għajdut li f'dik id-data se jkun qed iżurna l-Papa u jekk dan jiġi kkonfermat din ma tkunx tista' ssir żgur.

33.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti tal-Kunsill li hemm possibilta' li jsir major patching mill-Ministeru fuq toroq bħal Ħaġret L-Armi, Triq Santa Marija, Tal-Barmil u anke Triq San Ġwann hekk kif kienet intalbet l-lista lis-Sindku min-naħa tal-Ministeru.

**33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

33.4.21 Il-Kunsillera Jeanelle Attard irreferriet għan-numru ta' ċitazzjonijiet li qed jingħataw għax sewwieqa mhux qed iduru mar-roundabout fi Triq Il-Mitħna. Waqt li l-Kunsill ssuġġerriexxa modi differenti kif tista' ssir, is-Segretarju għamlet punt li din it-triq hija arterja u ma taqax taħt il-komputi tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li jistġu jsiru rubberised bollards u jitwaħħlu.

33.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għal darb'oħra qajmet il-punt biex Triq L-Indipendenza isir one-way. Is-Sindku spjega li jekk din it-triq isir one-way tinħoloq problema biex wieħed joħroġ mir-raħal hekk kif tiġi ferm diffiċli biex wieħed joħroġ minn Triq San Bert jew Ġuże D'Amato għal Triq L-Imġarr. Il-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li jsiru cameras biex nżommu t-trakkijiet milli jidħlu għal Triq L-Indipendenza u jsiru t-tabelli li hemm cameras in operation għax b'hekk taf isolvi ħafna mill-problema tat-traffiku fi

triq. Is-Sindku ssuġġerriexxa li hu tajjeb li wieħed jikkonsidra anke parking basis naħa waħda biss. Il-Kunsillera Jeanelle Attard talbet li ma jsirx fuq naħa waħda biss biex ma jintilfux postijiet ta' parkeġġ. Ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni.

33.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni biex ntellgħu aktar post fuq fondi li l-Kunsill ikun ġie mogħti peress li s-sentiment fost ir-residenti hu wieħed li mhu qed isir xejn fix-Xewkija. Il-Kunsilliera Attard għamlet punt li meta tħares lejn Kunsilli oħrajn, il-Kunsill tax-Xewkija jidher li mhu qed jieħu xejn. Is-Segretarju talbet li tiċċara punt rigward applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa għal-Ismart Bins is-sena li għaddiet u li waqgħet minħabba li r-Reġjun ma kienx issotometta l-minuti. Is-Segretarju ħadet nota biex tagħmel mezz li l-Facebook page tintuża aktar.

33.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard spjegat li kull nhar ta' Sibt fi Triq Il-Mitħna u fi Triq L-Indipendenza qed jitferrxu 5 boroż kbar taż-żibel kbar quddiem residenza disabitata. Is-Sindku spjega li dan il-punt tqajjem ukoll fil-laqgħa mal-pulizija. Is-Segretarju talbet li jekk din il-ħaġa terġa' ssir għandu jiddaħħal rapport mal-pulizija fejn imbagħad jkunu jistgħu jieħu passi huma billi anke jaċċessaw cameras fil-qrib.

33.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irreferriet għal boroż tal-asfalt li hemm ma' post ta' barranija fi Triq L-Indipendenza u talbet li naraw jekk dawn tħallewx mill-ħaddiema tagħna biex jinġabru minnufih.

33.4.6 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żvillupi fuq Trejqet Il-Barrieri anke kif dan qed kontinwament jaffetwa lir-residenti tat-troroq tal-madwar fosthom Triq Majmun li ilhom għexieren ta' snin jgħixu f'dawn it-trabijiet. Is-Sindku spjega li l-proċess mixi min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex fejn anke kienu qed jitkellmu mar-residenti biex din eventwalment isir minn barra sa ġewwa. Is-Sindku spjega li hemm residenti li qed jopponi. Il-Viċi Sindku talab li wieħed għandu jimxi mal-liġi u mhux ma' dak li qed jipproponu xi residenti.

33.4.7 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irreferiet għat-triq id-dejqa minn San Ġwann Battista għal Triq Ħamrija. Il-Kunsill iddiskutta u ntbagħtet imejl waqt il-laqgħa stess biex il-Perit ta' TM żżur is-sit meta tkun Għawdex biex eventwalment din il-one-way isir minnufih.

33.4.8 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irreferriet għall-korrispondenza li rċieva l-Kunsill mill-AKL rigward it-tabelli tan-No Parking. Il-Kunsillera talbet li nimxu mal-proċedura għax hu vera nġust li qed jiġi kkapparati numru ta'postijiet ta' parkeġġ fi triqat fejn diġa' hemm problema ta' parkeġġ meta wieħed ikollu permess ta' crane. Il-Kunsilliera semmiet ukoll li hemm siti ta' kostruzzjoni li qed jabbuża milli jagħmlu permess u jwaħħlu numru ta' tabelli biex ħadd ma jipparkja.

### 33.5 Preparamenti għal Żmien Ir-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira

33.5.1 Is-Sindku rreferra għal dak diskuss fil-laqgħa preċedenti biex titella' produzzjoni marbuta ma' żmien ir-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira f'Masġar Blankas. Ġie deċiż li l-Viċi Sindku jkellem lil John Attard mill-Għaqda Drammatika u ssir laqgħa virtwali b'mod immedjat biex jibdew il-preparamenti minnufih.

## 33.6 Performance appraisals: Segretarju Eżekuttiv u l-Impjegati Klerikali għas-sena 2021

33.6.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-Performance Bonus Appraisals tas-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema klerikali. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li l-Performance Bonus tas-Segretarku kellu tingħata sħiħa, bl-ammont ta' 10%. Il-Performance Bonus tal-ħaddiema ukoll kellha tingħata sħiħa, bl-ammont ta' 6%.

## 33.7 Korrispondenza u Ilmenti

33.7.1 10/12/2021 Ifraħ u Ferraħ - Kampanja ta' rigali ta' kotba lit-tfal Għawdxin dan il-Milied

33.7.2 10/12/2021 Talba minn Xewkija Tigers għall-kollobarozzjoni fl-inawgurazzjoni tal-club wara refurbishing fid-29 ta' Diċembru 2021.

33.7.3 15/12/2021 Cir AKL 2021/132 L&M - Managing Information Training Session - 11/02/2022

33.7.3 21/12/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiv dwar il-ħarġa tal-Milied biex tara jekk hux għaqli li ssir jew le minħabba ż-żieda fil-każi tal-Covid. Korrispondenza mill-membri tal-Kunsill fejn kien hemm qbil li din għandha titħassar.

33.7.4 05/01/2022 Komunikazzjoni mid-Direttur Generali. Divizzjoni għall-Gvern Lokali: Korrispondenza mingħand Josef Gatt dwar xi tibdil ta' nies ġodda kif ukoll xi bdil fl-istrittura tad-diversi unita. Kompja annessa.

33.7.5 07/01/2022 Korrispondenza mingħand Fiorella Farrugia dwar Payscales 2022 Koppja annessa.

33.7.6 11/01/2022 Cir AKL 2022/004 H&M Training Session – 25/01/2022.

33.7.7 11/01/2022 Cirkulari 01-2022 Allokazzjoni Finanzjarja għall-2022.

33.7.8 11/01/2022 Korrispondenza mingħand Ms. Maria Spiteri dwar Mapserver online session. 12/01/22 Cir AKL 2022/006 Konsultazzjoni Futur tal-Ewropa.

33.7.9 1005 - 2/01/22 Cir AKL 2022/005 – Info Session EU Funding for Regional and Local Councils 26/01/2021.

33.7.10 13/01/2022 Opportunitajiet ta' Fondi għall-Kunsilli u l-Kunsill Reġjonali – Għajnuna minn Servizzi Ewropej f'Malta. Korrispondenza mingħand Fabian Galea fejn inform lis-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi li jistgħu jagħmlu użu bla ħlas li joffri SEM għall-mili ta' formoli għall Fondi Ewropea

33.7.11 13/01/2022 Korrisondenza mingħand Ms Leah Camilleri De Bono mill-Kultura dwar avveniment għall-Programm tal-Għid f'Ghawdex biex jiġu nfurmati.

33.7.12 14/01/2022 Cir AKL 2022/007 Tabelli No Parking (Permessi mill-Kunsill).

33.7.13 17/01/2022 Cirkulari *SPI/SCI/2022* -Finanzjament għal żviluġġ u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex mibgħuta minn Ms Dorianne Diacano lis-Sindki, Viċi-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi.

33.7.14 18/01/2022 Cir AKL 2022/003 Personal Accident Policy

33.7.15 18/01/2022 Is-Segretarja Eżekuttiva bagħtet lis-Sindku u Kunsillier biex tara jaqblux jew le li jinkitbu f'din il-polza tas-Sigurazzjoni tal-'Personal Accident Policy'.

33.7.16 18/01/2022 Sejħa għall-applikazzjonijiet fuq Proġetti taħt Miżura 4.3. Toroq Rurali EAFRD. Ġiet mibgħuta email mis-Sur Fabian Galea indirizzata lis-Sindku, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi fejn ħeġġeġ lil Kunsill jagħmel użu minn din l-iskema.

33.7.17 18/01/2022 Re: SPI.SCI.I.2022 Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li taqbel li napplikaw għal din l-iskema.

33.7.18 19/01/2022 Is-Segretarja Eżekuttiva bagħtet l-Aġenda lis-Sindku u Kunsilliera, għall-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Nru 33, din ser issir online nhar il-Erbgħa 26 ta' Jannar, 2022 fl-4.30p.m.. Din ser tixxandar live u ser tkun miftuħa għall-Pubbliku.

33.7.19 20/01/2022 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet kif fir-raħal tax-Xewkija ma għandhiex l-community policy waqt li raħal żgħir bħal ma huwa San Lawrenz għandu.

33.7.20 20/01/2022 Is-Sindku irrisponda li ser ikun hawn fl-irħula kollha imma l-laqgħat qed isiru gradwalment.

33.7.21 21/01/2022 Is-Segretarja Eżekuttiva avżat lis-Sindku u l-Kunsilliera li l laqgħa tal-Community policing ser issir it-Tnejn 24 ta' Jannar, 2022 f'nofs inhar.

33.7.22 21/01/2022 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ma tistax tattendi għall-laqgħa tal-Policy Community Police.

33.7.23 21/01/2022 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera dwar korrispondenz mingħand il-PA biex tipprapara il-proġett mill-Assoċċjazzjuni Rotunda – 'To Upgrade church parvis inculing paving, works on balustrodes, impoved accessibilty landscaping and water reserviours.'

33.7.24 24/01/2022 Is-Segretarja Eżekuttiva bagħatet ir-risposta lis-Sindku u Kunsilliera juq il-Ftuħ tal-Cash Office fil-Leap. Hija rċeviet li d-domanda naqset u dan is-servizz kollha qedħdin jingħalqu.

33.7.25 25/01/2022 Cir AKL 2022/027 Tabelli No Parking (Permessi Kunsilli Lokali) dawn iridu jrsiru l-permessi 48 il-siegħa qabel.

33.7.26 25/01/2022 Cir AKL 2022/016 Urban Greening Scheme 2022 – Information Session Presentation.

33.7.27 25/01/2022 Cir AKL 2022/014 Fire Wardens Training.

33.7.28 25/01/2022 Cir AKL 2022/015 Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-'Earth Hour' 22.

33.7.29 Talba biex jitneħħa d-double yellow fi Triq L-Indipendenza quddiem l-ispiżerija. Il-Kunsill qabel biex dan jitneħħa.

33.7.30 Talba biex jiżdied double yellow f'nofs Triq Ġuże D'Amato. Il-Kunsill ikkonsidra li diġa' hemm double yellow line u jekk jiżdied id-double yellow line ħa jinħoloq inkonvenjent lir-residenti l-oħra.

33.7.31 Is-Segretarju talbet li l-Kunsill jikkonsidra li jġi staff klerikali b'mod immedjat. Il-Kunsill idiskutta li kellha tintbagħat imejl biex nistaqsu lid-Dipartiment jekk teżistix il-possibilita' li tiġi persuna li qiegħda mal-gvern on loan mal-Kunsill. Il-Kunsill baqa' li jekk dan mhux possibli għandha toħroġ call għall-skrivana fuq part-time basis.

### 33.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

33.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata apparti pagament Nru 58 li kellu jiġi spjegat fil-laqgħa li jmiss. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

### 33.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

30.9.1 Il-laqgħa ntemmet 6.50pm. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 28 ta' Frar 2022 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **28 ta' Frar 2022**

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Hubert Saliba<br>Sindku | Marion Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |